# SHAREHOLDERS' NEWS

**Malta Association of Small Shareholders - MASS VO 0629**

***Address: C/O Malta Stock Exchange Plc.***
***Garrison Chapel, Castille Place, Valletta VLT 1063 - Malta***
***website: mass.org.mt email: info@mass.org.mt***



## Editorjal

*minn Tarcisio Barbara*



Għeżież Azzjonisti,

Insellmilkom u nispera li tinsabu tajbin u f'saħħitkom. Ninformakom li wara l-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-MASS li saret f'Marzu li għadda, fl-ewwel laqgħa tal-kumitat il-ġdid, inħatru l-uffiċjali tal-istess kumitat ġdid tal-MASS. Ix-xogħol baqa' għaddej minnufih, għax kif tafu intom, issa ninsabu fil-bidu tal-istaġun tal-laqgħat ġenerali annwali tal-kumpaniji. Bħalissa qegħdin nagħmlu ħafna laqgħat ma' kumpaniji u awtoritajiet, u qegħdin inressqu numru sostanzjali ta' proposti favur l-investituri ż-żgħar.

Fil-fatt, illum il-Ġimgħa 19 ta' April, waqt li qed nikteb dan l-Editorjal, il-President il-ġdid tal-MASS, is-Sur Anthony Farrugia, qiegħed jattendi seminar importanti ta' nofs ta' nhar, fil-Borża ta' Malta bis-suġġett *Malta Stock Exchange Capital Markets Round Table - Issues Confronting the Local Capital Market*, fejn flimkien maċ-Ċermen u uffiċjali tal-Borża ta' Malta, *Stockbrokers*, awtoritajiet bħal *Malta Financial Services Authority* (MFSA), Malta *Business Registry* (MBR) u oħrajn, qegħdin jiddiskutu kif se ntejbu n-negozju fuq is-suq lokali. Din il-konferenza konna ilna nissuġġeruha lill-Borża ta' Malta u fl-aħħar issa qed issir. Min-naħa tal-MASS se nkunu qed inressqu diversi proposti biex naraw dan is-suq lokali jitjieb, għax kif jaf kulħadd bħalissa m'aħniex kuntenti bin-negozju baxx li għaddej. Issa nisperaw li wara dan is-seminar, l-awtoritajiet jieħdu dawk il-miżuri mixtieqa, ħalli nerġgħu naraw is-suq lokali, b'mod speċjali fejn jidħlu l-ishma, jerġa' jieħu r-ruħ.

Intant, dan huwa r-raba' magażin ta' din is-sena, bħas-soltu b'tagħrif u artikli interessanti. F'din in-*Newsletter*, numru 82 għal April 2024, se ssibu l-**Editorjal** miktub minni Tarcisio Barbara, bħala Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi tal-MASS. Wara għandkom l-**Impenji tal-MASS**, miktub minni wkoll, fejn qed nirrapportaw l-impenji kollha li kellha l-MASS fix-xahar ta' Marzu u l-bidu ta' April 2024. Fl-aħħar, f'paġni 14 u 15, issibu l-**Avviżi** tal-MASS.

Jalla, din id-darba wkoll, issibu din ir-rivista interessanti. Min-naħa tagħna nixtiequ nisimgħu l-kummenti tagħkom. Nixtieq ukoll f'isem sħabi nirringrazzja lil numru kbir ta' membri li kitbulna jew ċemplulna biex jirringrazzjawna, kif ukoll tawna l-appoġġ kollu biex nibqgħu mexjin kif aħna. Min għandu xi artiklu li nistgħu nippubblikawh, jekk jogħġobkom għadduhulna. Nirringrazzjakom ħafna tal-appoġġ u nirringrazzja b'mod speċjali lill-i*sponsors* kollha li tarawhom fil-lista ***Companies Supporting the Malta Association of Small Shareholders* (MASS)** fl-aħħar paġna. Inrodd ħajr ukoll f'isem il-MASS lill-kontributuri kollha għal dan il-fuljett.

***Disclaimer***
*L-artikli f'dan il-fuljett qed jiġu ppubblikati biss għal skop ta' informazzjoni u m'għandux jiġi interpretat bħala parir dwar investiment, legali jew fiskali, jew bħala rakkomandazzjoni biex tixtri, tbigħ, jew iżżomm xi sigurtà, strateġija ta' investiment jew settur tas-suq. Investituri prospettivi huma dejjem imħeġġa biex jikkonsultaw mal-Konsulent tal-Investiment tagħhom qabel ma jagħmlu investiment. Il-prestazzjoni tal-passat mhijiex garanzija ta' riżultati futuri, u l-valur tal-investimenti jista' jinżel kif ukoll jiżdied. Il-MASS ma taċċetta l-ebda responsabbiltà tkun xi tkun għal kwalunkwe spiża, telf jew danni li jirriżultaw minn, jew b'xi mod konness mal-użu ta' dawn l-artikli kollha jew xi parti minnhom.*

**Editur, ritratti u ssettjar: Tarcisio Barbara**
**Qari tal-Provi: Paul Callus**
**Disinn tal-Logo u Stampat:**
**Print Right Ltd. - Ħal Qormi**

***Kulma jinkiteb f'dan il-fuljett mhux bilfors jirrifletti l-fehma tal-Membri tal-Kumitat tal-MASS.***

**Indirizz**

NEWSPAPERPOST



# Impenji tal-MASS Frar 2024

*Minn Tarcisio Barbara*

**Fl-4 ta' Marzu 2024**, wara nofsinhar, Delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS ġiet mistiedna mill-i*stockbrokers* Curmi & Partners għall-preżentazzjoni mill-Kumpanija Malita, rigward ir-*rights issue* li kienet għadha kemm ħarġet għall-Azzjonisti. Min-naħa tal-Kumpanija attendiet l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sa Jennifer Falzon u għan-naħa ta' Curmi & Partners attenda l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur David Curmi.



Ingħatajna spjegazzjoni sħiħa fuq il-Kumpanija: kif taħdem u tiġġenera d-dħul u kif se jmexxu r-*rights issue*. Waqt il-laqgħa ntqal li l-Kumpanija mill-kirjiet tad-djar li se jdaħħlu, is-sussidju li qed jagħti l-Gvern, jiġifieri 87% tal-kirja, jidħlu dirett fil-kont tal-Kumpanija u għaldaqstant ma hemmx riskji kbar jekk il-kerrej ma jħallasx il-kirja tiegħu. Fil-preżent il-Kumpanija għandha 1,200 Azzjonist; għandha kapital ta' 65 miljun ewro, maqsumin f'148 miljun sehem. Issa bir-*rights issue* dan l-ammont se jitla' għal 213-il miljun. Intqal ukoll li l-Gvern se jżomm minimu ta' 70 fil-mija mill-Kumpanija, u l-wegħda li jingħata 7% dividend fuq il-prezz tar- *rights issue* ta' 0.50ċ se tinżamm.

**Fil-5 ta' Marzu 2024**, filgħaxija, saret is-86 konferenza tal-MASS, fil-kwartieri ta' Calamatta Cuschieri, f'Birkirkara. Is-suġġetti u l-kelliema kienu: Aġġornament qasir tas-swieq lokali u internazzjonali, mis-Sur Jordan Portelli, Uffiċjal Kap Eżekuttiv minn Calamatta Cuschieri (*Moneybase*); is-Sur Simon Law, *Head of Customer Experience*, mill-istess kumpanija, fuq kif taħdem il-pjattaforma ta' Calamatta Cuschieri (*Moneybase*) u l-benefiċċji tagħha, u s-Sur Arthur Azzopardi, *Chief Officer - GO Business*, ta ħarsa lejn il-Kumpanija GO.













Beda s-Sur Arthur Azzopardi, billi għamel preżentazzjoni interessanti fuq il-kumpanija GO. Intqal li l-pubbliku għandu 34.6% tal-Kumpanija u GO għandha ishma f'6 sussidjarji li huma: GO Ventures, BMIT, Connected Care Ltd., Sens Innovation Group, Cybersift u Cablenet Comms Systems Plc.

Is-Sur Jordan Portelli ta aġġornament qasir tas-swieq lokali u internazzjonali b'diversi *graphs*. Fl-aħħar, is-Sur Simon Law ta spjegazzjoni dettaljata fuq kif taħdem il-*platform* ta' Calamatta Cuschieri (*Moneybase*) u l-benefiċċji tagħha. Dawn il-kelliema użaw preżentazzjonijiet biex dawk preżenti jifhmu sewwa dak li kien qed jintqal. Il-laqgħa kienet indirizzata wkoll mis-Sur Sergio Bellizzi, *Head of Retail Distribution*. Fl-aħħar spiċċajna b'bibita, grazzi lill-Kumpanija Calamatta Cuschieri.

**Fis-7 u t-8 ta' Marzu 2024**, saret il-Konferenza Annwali tal-Borża ta' Malta, bit-titlu *MSE Governance, Risk, Compliance & ESG Summit*, u li saret fil-lukanda Hilton, San Ġiljan. Fost il-500 parteċipant, li madwar 30 minnhom kienu kelliema barranin, attendew ukoll membri mill-kumitat tal-MASS. Fil-bidu għamel introduzzjoni qasira s-Sur Cliff Pace, *Director of Studies of the Malta Stock Exchange Institute*, imbagħad iċ-Ċermen tal-Borża ta' Malta, is-Sur Joseph Portelli, għamel messaġġ ta' merħba.

MALTA STOCK EXCHANGE







Warajh tkellem il-Ministru tal-Finanzi u Impjiegi, l-Onorevoli Clyde Caruana. Is-Sur Caruana għamel id-diskors tiegħu fuq is-suġġetti elenkati. Imbagħad, matul il-jumejn, kien hemm diversi *panels*, fejn il-Ministru tal-Enerġija, Ambjent u Riġenerazzjoni tal-Port, l-Onorevoli Miriam Dalli, għamlet il-messaġġ tagħha wkoll. Hija tkellmet fuq il-*green transition* u tkellmet ukoll fuq l-ESG. Waqt dawn il-*panels* kien hemm mistoqsijiet u saru votazzjonijiet diretti fuq is-suġġetti li kienu qed ikunu mitkellma. Kien hemm ukoll diversi mistoqsijiet minn dawk li attendew.

**Fis-7 ta' Marzu 2024**, wara nofsinhar, uħud mill-Kumitat tal-MASS attendejna għal laqgħa onlajn għar-rapport annwali tal-Bank APS. Is-Sur Martin Scicluna, iċ-Ċermen tal-Bank APS, għamel introduzzjoni. Huwa għamel diversi osservazzjonijiet fuq is-sitwazzjoni ekonomika preżenti, b'mod speċjali f'dik li tirrigwarda l-bank, kif ukoll fuq it-tibdil li kien hemm fl-interessi. Huwa kien kuntent ħafna bir-riżultati, fejn il-profitt qabel it-taxxa laħaq €30.2 miljun, meta s-sena l-oħra kien €15.7 miljun. Dan kien l-ogħla riżultat tajjeb li qatt irrapporta l-bank. Il-grupp qed jirrikkmanda *scrip dividend*, u t-totali ta' *dividends* li se jkunu ngħataw fuq is-sena li għaddiet huma €0.03ċ gross jew €0.02ċ nett. Din is-sena li qed jirrapportaw kienet ta' suċċess u għaldaqstant iċ-Ċermen irringrazzja lil dawk kollha involuti.







Imbagħad, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Bank, is-Sur Marcel Cassar għamel ir-rimarki tiegħu fuq ir-riżultati tal-bank, fejn daħal aktar fid-dettal fuq il-mixja 'l quddiem tal-bank, kif ukoll it-tkabbir tal-istess bank. Wara, l-Uffiċjal Kap Finanzjarju, is-Sur Ronald Mizzi, ta preżentazzjoni twila u dettaljata bir-riżultati tal-bank tas-sena 2023. Fl-aħħar, wara l-preżentazzjonijiet, saru l-mistoqsijiet kemm minn dawk li kienu preżenti fis-sala, u anke dawk li kienu onlajn li setgħu jibagħtu l-mistoqsijiet tagħhom bil-miktub.

**Fil-11 ta' Marzu 2024**, filgħaxija, membri mill-Kumitat tal-MASS attendejna għal seminar organizzat mill-Bank BOV fuq il-letteratura finanzjarja u li sar fix-Xara Lodge, ġewwa r-Rabat. Fil-bidu saret introduzzjoni mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Bank BOV, is-Sur Kenneth Farrugia. L-ewwel kelliem kien is-Sur Malcolm Bray, *Head Economics*, li ta preżentazzjoni bis-suġġett: *Malta's Economic Context - and its Implications for Households Financial Behaviour*.




It-tieni kelliem kien is-Sur Clayton Scicluna, *Lead Portfolio Manager*, li ta preżentazzjoni bis-suġġett: *Malta's Debt Market - Review and Expected Impact*.

It-tielet kelliem kien is-Sur David Pace Ross, *Stockbroking Unit*, li ta preżentazzjoni bis-suġġett: *Malta's Equity Market*. Għal dan is-seminar interessanti attendew numru sabiħ ta' nies. Fl-aħħar il-BOV għoġobhom jagħmlu riċeviment. Il-MASS ħadet ħsieb li tibgħat dawn it-3 preżentazzjonijiet bl-imejl lill-membri kollha.





**Fit-13 ta' Marzu 2024**, wara nofsinhar, saret il-laqgħa tal-Kumitat tal-MASS, fil-Borża ta' Malta, il-Belt Valletta. [8 membri tal-Kumitat kienu preżenti u 2 skużati.]

Il-laqgħa bdiet fl-4.00 pm bl-aġenda li ġejja:



1. Qari tal-Minuti tal-aħħar laqgħa
2. Riżultati mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Rapporti Annwali għal-LĠA tal-MASS
5. Nomini għall-Kumitat il-ġdid
6. Laqgħat u Konferenzi
7. Affarijiet Oħra

*******

1. Qari tal-Minuti

Il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kumitat inqraw mis-Segretarju. Ma kienx hemm korrezzjonijiet. Il-minuti ġew approvati u ffirmati.

2. Riżultati mill-Minuti

Tarcisio Barbara kiseb il-lista tal-Kumpaniji preżenti fuq il-Forum tas-Segretarji tal-Kumpaniji. Se jabbozza ittra li għandha tintbagħat lill-kumpaniji li għadhom ma ngħaqdux mal-Forum biex iħeġġiġhom jagħmlu dan.

Għall-Konferenza tal-GRC organizzata mill-Borża ta' Malta attendew Kevin Mizzi, Anthony Farrugia, Tarcisio Barbara u Joseph Mangion. Dan wera li kien eżerċizzju ta' *networking* importanti għall-MASS.

Id-dokumenti kollha meħtieġa għall-LĠA tal-14 ta' Marzu 2023 huma lesti u t-tħejjijiet kollha huma f'posthom.

Għall-konsultazzjoni pubblika organizzata mill-Organizzazzjoni tas-Settur tal-Volontarjat attendew Tarcisio Barbara, Anthony Farrugia, Albert Azzopardi, Joseph Mangion u Olena Borg. Tressqu numru ta' proposti.

Il-konferenza tal-MASS li jmiss se ssir fis-17 ta' April 2024 fil-Borża ta' Malta.

3. Korrispondenza

Waslet korrispondenza minn *Better Finance* dwar (1) stħarriġ dwar l-investiment onlajn, (2) kampanja kontinwa biex jiġi promoss investiment responsabbli, u (3) *newsletter* ta' *Better Finance* dwar "Għarfien Indipendenti tal-Politika Finanzjarja tal-UE".

Għadha għaddejja korrispondenza oħra mal-Maltapost dwar il-ħlasijiet tal-posta għan-*newsletter* tagħna. Dawn żdiedu drastikament u l-MASS jeħtieġ li tiddeċiedi jekk tibdilx il-kwalità tal-karta jew il-piż tan-*newsletter* sabiex tnaqqas l-ispejjeż.

4. Rapporti Annwali għall-LĠA

Inqraw id-dokumenti kollha meħtieġa għal-LĠA.

5. Nomini għall-Kumitat il-ġdid

In-nomini riċevuti għall-Kumitat il-ġdid tal-MASS huma dawn li ġejjin:

| ISEM | NOMINAT MINN | SEKONDAT MINN |
|---|---|---|
| Anthony Farrugia | Lilian Dimech | Albert Aquilina |
| Tarcisio Barbara | Antoine Dimech | Kalċedon Mifsud |
| Mary Farrugia | Anthony Farrugia | Kevin Mizzi |
| Albert Azzopardi | Tarcisio Barbara | Mary Farrugia |
| Kevin Mizzi | Alfred Portelli | Anthony Farrugia |
| Olena Borg | Kalċedon Mifsud | Alfred Portelli |
| Joseph Mangion | Antoine Dimech | Albert Aquilina |
| Mark Demarco | Albert Azzopardi | Tarcisio Barbara |

6. Laqgħat/Konferenzi

Fil-21 ta' Marzu 2024 se ssir laqgħa ma' AX Holdings f'*Hilltop Gardens* fit-3 pm.
Fl-4 ta' April 2024 se ssir laqgħa ma' Mapfre Middlesea fl-4 pm fil-Furjana.

Fil-ġimgħat li ġejjin se jsiru numru ta' LĠA tal-Kumpaniji li għalihom se jkunu preżenti rappreżentanti tal-MASS:

18 ta' April – LĠA HSBC Bank
23 ta' April – LĠA AX Real Estate
29 ta' April – LĠA Convenience stores
30 ta' April – LĠA Mapfre Middlesea
9 ta' Mejju – LĠA APS Bank
15 ta' Mejju – LĠA Malta Int. Airport
29 ta' Mejju – LĠA BMIT

7. Affarijiet Oħra

Inħareġ dizzjunarju ġdid bil-Malti dwar in-nomenklatura fis-setturi ekonomiċi. Il-MASS se tkun qed tikseb kopja peress li se tkun utli għalina.

Il-MASS qed tistenna bil-ħerqa l-laqgħa maċ-Ċermen tal-Borża ta' Malta li se ssir fil-futur qarib.

Tarcisio Barbara informa lill-Kumitat li ġie nominat għal Direttorat mal-Kumpanija Convenience Shop (Holdings) plc. F'dan il-punt l-Aġent President talab lis-Sur Barbara biex jiskuża ruħu mil-laqgħa. Ittieħed vot b'turija tal-idejn skont il-politika tal-MASS. Il-vot għadda unanimament favur.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.30 pm.

**Fl-14 ta' Marzu 2024**, filgħaxija, saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Assoċjazzjoni MASS. Din saret ġewwa l-*Hilltop Gardens*, in-Naxxar. Għal din il-laqgħa kien hemm attendenza tajba ħafna. Kif spiċċat il-laqgħa sar riċeviment fl-istess post u dan kien milqugħ tajjeb ħafna mill-membri li attendew. Ir-rapporti ta' din il-laqgħa ngħataw fil-ħarġa ta' qabel.



**Fil-21 ta' Marzu 2024**, wara nofsinhar, Delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS, ġiet mistiedna mal-i*stockbrokers* mill-kumpanija AX Group, fil-*Hilltop Gardens*, in-Naxxar. F'din il-laqgħa ngħataw ir-riżultati annwali tal-Grupp AX. Fil-bidu għamel introduzzjoni qasira l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Michael Warrington.

Imbagħad iċ-Ċermen tal-kumpanija, is-Sur Anġlu Xuereb għamel preżentazzjoni fuq l-iżviluppi kollha li qed tagħmel il-kumpanija. Qal li fil-lukanda *Odycy* saret trasformazzjoni sħiħa fi 18-il xahar. Din il-lukanda għandha 600 kamra u hija l-akbar lukanda fil-gżejjer Maltin. Issa din il-lukanda minn 4 stilel ġiet 5 stilel u għandha 6 pixxini differenti u 7 ristoranti u bars. Rigward il-proġett tal-*Verdala* se jkun hemm tliet blokok appartamenti u lukanda *wellness*. Il-bejgħ tal-appartamenti sejjer tajjeb ħafna, b'mod speċjali

dawk tal-ogħla prezz. Il-lukanda sa tkun lesta mill-bini f'Mejju u se jkollha 44 kamra speċjali, u din se tkun ukoll lukanda ta' 5 stilel.




Wara, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Michael Warrington, qal li huma saru waħda mill-akbar kumpaniji li hawn fuq il-gżira. Il-kumpanija AX Group tikkonsisti f'4 kumpaniji li huma: AX Care, AX Development, AX Construction u AX Hotels. Is-Sur Warrington qal li l-akbar investiment kien fis-sena 2023 meta tlestiet il-lukanda *Odycy*, li mill-ewwel bdiet b'okkupanza għolja. Għandhom ukoll is-*Simblija Care Home*, li din tħalli ritorn tajjeb lill-Kumpanija; kif ukoll għandhom il-*Hilltop Gardens*, li hemm domanda qawwija għalih. Imbagħad hemm il-kumpanija tal-kostruzzjoni, fejn is-sena l-oħra kellha fatturat (*turnover*) rekord.

Bħalissa għandhom 1,200 impjegat u fil-futur dawn iridu jitilgħu għal 1,500 impjegat. Id-dħul is-sena l-oħra kien ta' €5 miljuni, li huwa qrib dak li kien fl-2019. L-aspettattiva hi li din is-sena jirduppjaw dan id-dħul. Dan id-dħul tela' bil-lukandi tal-Belt, tal-Qawra u ta' Tas-Sliema u dawn kollha għandhom *ratings* għoljin ħafna minn *Tripadvisor* u *Booking.com*. Fuq l-iżviluppi li għaddejjin tkellem fuq *Palazzo Lucia*, fi Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta, li se jiġi mibdul f'uffiċini. Rigward il-kostruzzjoni ġejna murija diversi ritratti tax-xogħol li għaddej u ntqal li se jkun hemm Maniġer ġdid f'din il-kumpanija. Xogħol ieħor għaddej huwa restawr fuq l-*Annexe*s tal-Konkatidral ta' San Ġwann u l-*Oratorju* tal-Ġiżwiti – it-tnejn fil-Belt Valletta, u *Villa Luginsland*, fir-Rabat.

Fuq id-diviżjoni tas-saħħa u kura, il-*Hilltop Retirement Village* huwa mimli u hemm lista ta' stennija. Is-*Simblija Care-Home* għandha okkupanza ta' 88% u hawnhekk ukoll laħaq Maniġer ġdid f'Jannar tal-2024. Rigward il-proprjetà, il-prestazzjoni kienet tajba u l-aspettattiva intlaħqet. Imbagħad tkellem fuq il-*Valletta Cruise Port*, li l-kumpanija għandha 36% minnu u ntqal li s-sena li għaddiet għaddew 900,000 passiġġier. Bħalissa qegħdin jagħmlu l-estensjonijiet tal-mollijiet. Tkellem ukoll fuq is-*solar farm* f'Tal-Imselliet, li huwa wieħed mill-akbar *solar farms* tal-PV fuq il-gżira u li huwa biżżejjed biex jissupplixxi 2,000 dar bl-elettriku. Dan il-proġett bħalissa qed jagħti rendiment tajjeb regolari.

Rigward ħarsa 'l quddiem, il-priorità hi li jfittxu jlestu l-proġett tal-Verdala u hawnhekk tkellem ukoll fuq proġetti oħra li għaddejjin bħalissa. Fl-aħħar kien hemm diversi mistoqsijiet minn dawk preżenti. Intqal li l-kumpanija AX Real Estate se tibqa' tagħti dividend regolari lill-azzjonisti tagħha.

**Fil-21 ta' Marzu 2024**, wara nofsinhar, membri mill-kumitat tal-Assoċjazzjoni MASS, attendew għal-laqgħa dwar *New Venture Capital Fund* u li saret ġewwa uffiċċju, in-Naxxar. Din il-laqgħa saret biex imprendituri ġodda barranin, iniedu fond għall-*venture capital*. Huma qed jistennew li jiġbru €250,000 għal dan il-proġett.

**Fit-3 ta' April 2024**, wara nofsinhar, saret il-laqgħa tal-Kumitat tal-MASS, fil-Borża ta' Malta, il-Belt Valletta. [It-8 membri tal-Kumitat kienu kollha preżenti.]

Il-laqgħa bdiet fl-4.00 pm bl-aġenda li ġejja:

1. Qari tal-Minuti tal-aħħar laqgħa
2. Riżultati mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Ħatra tal-Uffiċjali tal-Kumitat il-ġdid
5. Laqgħat u Konferenzi
6. Affarijiet Oħra

Il-membri tal-Kumitat taw merħba lill-membru l-ġdid – Mark Demarco. Mark ta ħarsa ġenerali lejn l-isfond tiegħu. Għal dawn l-aħħar 50 sena Mark kien involut fl-industrija bankarja, l-aktar bħala Direttur tal-*hedge funds*. Għal 20 sena kien involut ukoll fl-amministrazzjoni ta' skemi ta' investiment kollettiv. Huwa wkoll *accountant* ċertifikat.

1. Qari tal-Minuti tal-aħħar laqgħa

Il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kumitat inqraw mis-Segretarju. Kien hemm korrezzjoni waħda li ġiet emendata. Il-minuti ġew approvati u ffirmati.

2. Riżultati mill-Minuti

Tarcisio Barbara se jabbozza ittra li għandha tintbagħat lill-kumpaniji li għadhom ma ngħaqdux mal-Forum tas-Segretarji, sabiex iħeġġiġhom jagħmlu dan. Il-MASS tixtieq tiġbed l-attenzjoni tas-Segretarji tal-Kumpaniji dwar l-importanza li jiġi żgurat li ma jiġux organizzati laqgħat ġenerali annwali fl-istess dati. Meta jiġri dan l-azzjonisti ma jkunux jistgħu jattendu l-LĠA kollha li jixtiequ, peress li l-LĠA huma l-unika opportunità għall-azzjonisti li jistaqsu mistoqsijiet u jiltaqgħu mad-Diretturi rispettivi.

Tarcisio Barbara informa lill-Kumitat, li n-*newsletter* li jmiss se jkun fiha 4 paġni inqas sabiex il-piż jinżamm taħt il-50 gramma u b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż tal-Maltapost.

Il-MASS għadha qed tistenna bil-ħerqa l-laqgħa ppjanata mal-Borża ta' Malta. Se tiġi kkomunikata data tentattiva lill-MASS mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Simon Zammit.

Għal-laqgħa mal-Kumpanija Mapfre attendew Tarcisio Barbara, Kevin Mizzi, Albert Azzopardi, Joseph Mangion u Anthony Farrugia.

Il-MASS se tikseb kopja tad-dizzjunarju l-ġdid maħruġ dan l-aħħar dwar it-terminoloġija Ekonomika Maltija mill-Professur Lino Briguglio.



3. Korrispondenza

Laqgħat li għandhom isiru f'Mejju 2024:

8 ta' Mejju – Laqgħa mal-MIA
22 ta' Mejju – LĠA Malta Properties
29 ta' Mejju – LĠA MedServ
30 ta' Mejju – LĠA GO
31 ta' Mejju – LĠA BOV

*Better Finance*: Fl-2024, *Better Finance* qed tippjana 3 konferenzi. L-ewwel waħda se tkun fis-17 ta'



April fi Brussell, il-Belġju. It-tieni waħda hija fit-30 ta' Mejju f'Vilnius, il-Litwanja. It-tielet waħda se tkun fl-10 ta' Diċembru fi Frankfurt, il-Ġermanja.

4. Ħatra ta' Uffiċjali għall-Kumitat il-ġdid

Din li ġejja hija l-kompożizzjoni l-ġdida tal-Kumitat tal-MASS:

| *Kariga/Isem* | *Propost minn* | *Issekondat minn* |
|---|---|---|
| President: Anthony Farrugia | Tarcisio Barbara | Olena Borg; |
| Segretarju Ġenerali: Mary Farrugia | Joseph Mangion | Albert Azzopardi; |
| Uffiċjal Relazzjonjiet Pub: Tarcisio Barbara | Mary Farrugia | Anthony Farrugia; |
| Teżorier: Mark Demarco | Albert Azzopardi | Tarcisio Barbara; |
| Seg. Intern. u Edukattiv: Kevin Mizzi | Olena Borg | Albert Azzopardi; |
| Viċi President: Mary Farrugia | Kevin Mizzi | Olena Borg; |
| Ass. Segretarju Ġenerali: Olena Borg | Tarcisio Barbara | Mary Farrugia |
| Ass.Teżorier (sħubija) Joseph Mangion | Tarcisio Barbara | Anthony Farrugia; |
| Assistent Teżorier: Albert Azzopardi | Tarcisio Barbara | Anthony Farrugia; |

Ġie ssuġġerit li fiż-żmien li ġej issir laqgħa ġenerali straordinarja sabiex jiġi emendat l-istatut, fejn inkunu nistgħu naħtru President Onorarju.

5. Konferenzi

Il-konferenza tal-MASS li jmiss se ssir fis-17 ta' April 2024, fil-Borża ta' Malta. Il-kelliema se jkunu Gilmour Camilleri, Kurt Davison, u Christian Xuereb mill-Kunsill Konsultattiv Fiskali ta' Malta. Is-suġġett se jkun "Ħarsa Ġenerali lejn il-Prospettiva Ekonomika".

Konferenza oħra se ssir fil-15 ta' Mejju 2024. Il-kelliem se jkun Mario Cilia u s-suġġett se jkun dwar "It-Tassazzjoni".

6. Affarijiet Oħra

Ġie approvat li l-MASS tixtri 25 v*oucher* mingħand Farsons biex jingħataw bħala *token* lill-kelliema tal-konferenzi. Farsons offrew li 10 *vouchers* jingħataw b'xejn.
Kien miftiehem li l-arranġamenti għal viżti fil-bini tal-Kumpaniji, għall-membri tal-MASS, isiru aktar tard matul is-sena.

Kevin Mizzi se jikkuntattja lill-BOV biex jirranġa għal reklam fuq in-newsletter tal-MASS.

Tarcisio Barbara se jkun qed jinforma lill-Kummissarju tal-Għaqdiet Volontarji bit-tibdil tal-membri tal-Kumitat.
Huwa se jikkuntattja wkoll lil xi *sponsors* dwar *sponsorship* għal din is-sena.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.05 pm.



**Fl-4 ta' April 2024**, wara nofsinhar, delegazzjoni ta' 5 persuni mill-Kumitat tal-MASS, ġiet mistiedna għal laqgħa dwar ir-riżultati annwali tal-kumpanija tal-*Insurance* - *Mapfre* li saret fil-*Middlesea House*, il-Furjana. Min-naħa tal-kumpanija attendew 5 uffiċjali illi huma: iċ-Ċermen is-Sur Martin Galea, President u Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Javier R. Moreno Gonzalez, l-Uffiċjal Kap Finanzjarju, is-Sur James Mallia, id-Direttur, is-Sur Etienne Sciberras, u s-Segretarja tal-Bord, Dr. Daphne Sims Dodebier.



Waqt il-laqgħa ntqal li l-kumpanija tinvesti b'diversi fondi fi klassijiet differenti, kif ukoll f'muniti differenti. Huma jfittxu li jkollhom ritorn stabbilizzat tajjeb. Għaldaqstant huma jiltaqgħu mal-kumitat tal-investiment kull xahar. Din is-sena qed jiċċelebraw it-30 anniversarju mill-bidu tal-*Mapfre* u se jagħtu dividend ta' €4.5 miljuni, €1miljun iktar mis-sena l-oħra. Qed jagħtu dividend ta' 67% mill-qligħ kollu li tagħmel il-kumpanija. Rigward is-suq tal-*insurance* ingħad li tal-vetturi għandhom 47% mit-total li jeskludi *life insurance*. L-NAV huwa kważi €1. Mal-kumpanija hemm 6 aġenti u 60 TII. Fl-aħħar tkellimna fuq l-arranġamenti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali, li din is-sena se ssir fit-30 ta' April fil-lukanda Phoenicia, il-Furjana.

## MIN JIRĊIEVI N-NEWSLETTER

Għeżież membri, aħna qed nibagħtu n-*Newsletter Shareholders' News* kważi kull xahar bil-posta, lil dawk il-membri kollha li jħallsu l-miżata regolarment, kif ukoll dawk li jixtiquha permezz tal-imejl. B'dan il-mezz tal-aħħar inkunu qed niffrankaw il-posta li għoliet ħafna.

Dawk il-membri li ma jħallsux il-miżata u li huma mniżżlin fl-indirizzi tagħna bħala *The Resident*, dak il-fuljett ma jirċevuhx regolarment. Lil dawn il-membri, aħna nibagħtulhom il-fuljett *at random*, minn fuq lista ta' aktar minn 3,000 indirizz li għandna. Inħeġġeġ lil dawn il-membri (*The Residents*), biex jibdew iħallsu l-miżata, ħalli jibdew jirċievu dan il-magażin kull xahar.

Il-miżata hija €10 għal sentejn jew €20.01ċ għal 5 snin (jiġifieri €4 fis-sena). Min iħallas il-miżati jkun intitolat li jattendi l-laqgħat kollha li nagħmlu mingħajr ħlas, jirċievi l-fuljett b' informazzjoni finanzjarja regolarment kull xahar jew iżjed, jattendi konferenzi b'suġġetti fuq litteriżmu finanzjarju, bil-kafè u kultant xi bibita, eċċ. Dawn kollha li semmejt ikunu mingħajr ħlas. Għaldaqstant inħeġġiġkom biex tidħlu membri fl-Assoċjazzjoni billi timlew il-formola f'paġna 11 u tibagħtuha bil-ħlas fl-indirizz provdut. Aktar kemm tikber l-Assoċjazzjoni aktar ikollna saħħa sabiex l-investituri ż-żgħar jakkwistaw aktar drittijiet u benefiċċji.

Dawk il-membri li qed jirċievu n-*Newsletter* bil-posta u jixtiequ jibdew jirċevuha bl-imejl biss, jekk jogħġobkom informawna b'messaġġ jew mobajl: 99494878, jew inkella b'imejl: tarcisio.barbara@mass.org.mt. Grazzi.

# Avviżi

## KONFERENZA TAL-MASS - MEJJU

Data: L-Erbgħa 15 ta' Mejju 2024 Ħin fis-18:00

Suġġett: Ħarsa lejn it-Taxxa fuq l-*Income* (*Overview of Income Tax*)

Kelliem: Is-Sur Mario Cilia, Direttur (*Collection & Debt Management*), *Office of the Commissioner for Revenue*

Post: Terrace Suite, Corinthia Hotel, St Georges Bay, San Ġiljan (*Kafè fis-18:00 u l-laqgħa tibda fis-18:30*)

## KONFERENZA TAL-MASS - ĠUNJU

Data: L-Erbgħa 26 ta' Ġunju 2024 Ħin fis-18:00

Suġġett: Ewro Diġitali (Digital Euro)

Kelliem: Sur. A. Demarco, Deputat Gvernatur (Monetary Policy), Bank Ċentrali ta-Malta.

Post: Borża ta' Malta, il-Belt Valletta (*Kafè fis-18:00 u l-laqgħa tibda fis-18:30*)

## LAGĦQA ĠENERALI STRAORDINARJA TAL-MASS

Il-MASS beħsiebha torganizza Laqgħa Ġenerali Straordinarja sabiex temenda l-iStatut.

Hekk kif jispiċċa dan il-proċess qasir fil-laqgħa, beħsiebna li nużaw il-ħin li jibqa' biex niddiskutu flimkien diversi temi li jolqtu l-Investituri ż-Żgħar.

Data, Post, u Ħin jitħabbru iżjed tard.

**MEMBERSHIP APPLICATION FORM** **(IKTEB B'ITTRI KBAR)**

Nixtieq insir membru / in edded is-s ubija tal-**Malta Association of Small Shareholders**.

Isem u kunjom: ______________________________

Indirizz: ______________________________

Kodi i Postali: ____________ ID: ____________

Tel ____________ Mowbajl____________ Imejl:____________

Qed nibg at ekk ta' _____, f'isem il-Malta Association of Small Shareholders.

MASS C/O Malta Stock Exchange Plc. Garrison Chapel, Castille Place, Valletta VLT 1063

**Jien niddikjara li nimxi skont l-Istatut u l-aġġornamenti tiegħu.**

**Statut jinsab fuq il-Website tal-MASS**

FIRMA: ____________ DATA: ____________

**Il-ħlas għas-sħubija:**
**Sentejn – EUR 10.00**
**Ħames snin – EUR 20.01**
**50% skont lill-istudenti**

***L-INFORMAZZJONI KOLLHA TINŻAMM SKONT ID-'DATA PROTECTION ACT'.***

## Companies Supporting the Malta Association of Small Shareholders (MASS)

### PLATINUM

FIDEM INTEGRITAS PARIT

MALTA STOCK EXCHANGE

### GOLD

BOV
Bank of Valletta

INTERNATIONAL HOTEL INVESTMENTS P.L.C.

HSBC

### SILVER

MIDI

HILI PROPERTIES

MAPFRE MIDDLESEA

HARVEST

MALTA INTERNATIONAL AIRPORT

Convenience Online

Jesmond Mizzi

moneybase

MEDSERV

LOQUS BUSINESS INTELLIGENCE

Plaza THE SHOPPING CENTRE

SANTUMAS SHAREHOLDINGS plc

REGIS

FIMBANK

### BRONZE

VBL Group

MAIN STREET SHOPPING COMPLEX • PAOLA

AX GROUP

MALITA INVESTMENTS

PG plc
A member of PG Group

malta post

THE POINT SHOPPING MALL

M&Z

LOMBARD
Lombard Bank Malta p.l.c.

Malta Properties

Farsons
BREWERS & BOTTLERS